---

16 ta' April, 1956

Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Carmelo Delia *versus* Michele Buontempo

Retratt — Spejjeż Utili u Neċessarji — Spejjeż Leġittimi — Rigal — Interessi — Frutti — Art. 1493 u 1494 Kodiċi Ċivili

Il-konċett tal-liġi, meta tistabbilixxi d-dritt tar-retraent għar-rimborż tal-ispejjeż biss leġittimi, mhux limitattiv, imma biss jeskludi dawk li jkunu kapriċċużi jew, kif jissejħu, voluttwarji, jew li jkunu saru biex jiġu elużi l-interessi tar-retraent, jew sabiex dan jiġi skoraġġit mill-eżerċizzju tad-dritt tiegħu. Għaldaqstant, jekk ir-retrattarju kien ħallas xi rigal biex jassikura l-akkwist tal-fond irkuprat u ma tisfrattalux l-okkażjoni li jakkwistah, huwa għandu dritt għar-rimborż ta' dak ir-rigal minn għand ir-retraent; u dan ftimkien mal-imgħax fuqu mill-jum li fih huwa ħallas dak ir-rigal.

Għax huwa prinċipju fondamentali tal-liġi tagħna li r-retraent jassumi l-pożizzjoni tar-retrattarju, li jitqies bħal kieku qatt ma kien ix-xerrej; u għalhekk ma għandux isofri ebda spiża leġittima li hu jkun għamel fl-okkażjoni tal-bejgħ u fil-perijodu li kien jaħseb li hu sid il-post; u ta' dik l-ispiża għandu jiġi rimborżat mir-retraent; u rigal imħallas biex ir-retrattarju ma jitlefx l-akkwist tal-fond ma jistax jiġi kunsidrat bħala spiża mhux leġittima.

Kwantu għall-ispejjeż neċessarji u utili li r-retrattarju jagħmel fil-fond, din in-neċessità u utilità għandha tiġi kunsidrata fil-mument meta tiġi eżegwita l-ispiża, u mhux fil-mument meta jiġi eżerċitat l-irkupru; l-għaliex dawk l-ispejjeż jibqgħu rifondibbli anki jekk, meta jiġi eżerċitat ir-retratt, jiġi nieqes l-effett oriġinali tagħhom, purke' r-retrattarju jew kwalunkwe possessur ieħor preċedenti ma jkunx "in kulpa" għall-effett negattiv tagħhom. U l-utilità tal-ispiża korrispondenti għax-xogħol in natura irid tiġi kunsidrata fil-kospett tar-retrattarju, u mhux tar-retraent.

Fuq dawn l-ispejjeż utili u neċessarji r-retraent għandu wkoll dritt għall-interessi mill-jum tar-rispettivi żborżi; u mhix attendibbli l-pretensjoni li dawn l-imgħaxijiet huma dovuti mill-jum tal-likwidazzjoni tagħhom; għax il-prinċipju "in liquidandis non fit mora" għandu jċedi di fronti għad-dispożizzjoni esplicita tal-liġi li tistabbilixxi li r-retrattarju għandu dritt għall-imgħaxijiet minn dak inhar li jkun ħareġ kull waħda mis-somom li għandhom jiġu mħallsa lilu; u l-uniku temperament sanċit mill-liġi għal din id-dispożizzjoni huwa dak tad-deduzzjoni tal-frottijiet minn dak in-nhar tal-bejgħ li ta lok għall-irkupru, bil-fakoltà lir-retrattarju li jista' jżomm dawk il-frottijiet u jirrinunzja għall-imgħaxijiet.

Jekk, pero', jirriżulta li xi uħud minn dawn l-ispejjeż saru meta r-retrattarju ma kellu ebda dubju li r-retraent kien sejjer imexxi l-quddiem l-irkupru, u ntant ir-retraent, bħala kompromess, jaderixxi li jżomm dawk l-ispejjeż u jirrimborża lir-retrattarju, ma għandhomx ikunu dovuti imgħaxijiet fuqhom.

Fost dawn l-ispejjeż utili u neċessarji ma jidħolx rigal li r-retrattarju jkun ħallas u li jirrappreżenta l-valur awmentat tal-fond irkuprat, bħal ma hu rigal li hu jkun ħallas biex rawwem il-post u ġiebu l-quddiem; għax dan ma hux spiża magħmula "fil-ħaġa", imma huwa ħidma u industrija tal-persuna; u ġie deċiż li r-retrattarju

ma għandux dritt għar-rimborż tal-awmentat valur tal-fond li jkun sar bil-ħidma jew industrija tiegħu fl-intervall bejn il-jum tal-bejgħ u dak tal-eżerċizzju tar-retratt.

Ir-retrattarju, mill-banda l-oħra, jekk jagħżel l-imgħaxijiet, għandu jrodd lir-retraent il-frutti li hu jkun daħħal mil-fond u dawk li hu seta' daħħal bid-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja. U jekk ir-retrattarju kien jokkupa l-fond huwa stess, hu obligat iħallas lir-retraent kumpens adegwat għal dik l-okkupazzjoni skond l-użu li hu jkun għamel mil-fond; u dan billi jħallas il-kera tal-fond bħala dar tal-abitazzjoni, jekk u sakemm għamel użu mil-fond bħala dar tal-abitazzjoni, u l-kera tal-fond bħala fond kummerċjali, jekk u sakemm ikun għamel mil-fond użu ta' fond kummerċjali.

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili Prim'Awla tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li ppremetta illi b'ċedola ta' retratt u eżerċizzju tad-dritt ta' preferenza u kontestwali depożitu, preżentata quddiem dik il-Qorti fit-30 ta' Lulju 1945 (dok. A), huwa rkupra mill-poter tal-konvenut is-subutili dominju temporanju għal 150 sena dekorribbli mit-13 ta' Novembru, 1944, tad-dar bil-benefikati tagħha Każal Pawla, Pawla Square, numru 148 u numru 149, ġa numri 34B u 34C, suġġetta versu s-subkanone ta' £1.19.5 fis-sena; u illi s-subutili dominju temporanju tad-dar fuq imsemmija ġie mibjugħ lill-konvenut bil-prezz ta' £1000, ammont li l-attur iddepożita, oltre l-imgħaxijiet relattivi, biċ-ċedola fuq imsemmija, u ma ddepożitax l-ispejjeż leġittimi tal-akkwist, billi, kif huwa kkonferma bil-ġurament tiegħu, huwa ma jafx l-ammont relattiv u l-konvenut ma nnotifikahx b'dawk l-ispejjeż; u illi huwa subenfitewta temporanju taż-żewġt idjar u mezzanin Każal Pawla, Pjazza Pawla, bħala suġġetti flimkien għal £7.8.1½ għar-rata tagħhom ta' subkanone temporanju, li huwa akkwista b'att tan-Nutar Salvatore Cauchi tal-4 ta' Ottubru 1910 (dok. B), u li jinsabu mibnija fuq l-istess sit, suġġetti għall-istess ċens li jinsabu suġġetti l-fondi akkwistati mill-konvenut, u għalhekk huwa konsorti fis-subutili dominju temporanju tad-dar fuq imsemmija u huwa tenut għaċ-ċens intergravanti l-imsemmija fondi minħabba

s-solidarjetà u indiviżibbiltà taċ-ċens, u għalhekk għandu d-dritt tal-preferenza u ta' rkupru fuq is-subutili dominju temporanju tad-dar hekk mibjugħa a titolu ta' konsorzju u ta' viċinanza u għal kull titolu ieħor validu skond il-liġi (dok. C); u illi l-konvenut ma ġiex biex jagħmel ir-rivendizzjoni malgrado l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Marzu 1946; talab li l-ewwelnett jiġi dikjarat u deċiż li huwa eżerċita validament id-dritt tal-preferenza u tal-irkupru tas-subutili dominju temporanju tad-dar fuq imsemmija biċ-ċedola tar-retratt u eżerċizzju tad-dritt ta' preferenza u relattiv depożitu tat-30 ta' Lulju, 1945; u t-tieninett li, konsegwentement, il-konvenut jiġi kundannat jagħmel ir-rivendizzjoni favur tiegħu fiż-żmien li tiffissa l-Qorti, u li jibda jgħaddi wara r-reintegrazzjoni tad-depożitu; u li, jekk jgħaddi dak iż-żmien inutilment, ir-rivendizzjoni tiġi magħmula in forza tal-istess sentenza; u fl-aħħarnett sabiex jiġu likwidati l-ispejjeż leġittimi li l-konvenut għamel fl-okkażjoni tal-akkwist fuq imsemmi, sabiex l-attur jgħaddi għad-depożitu tagħhom. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Marzu, 1946;

Omissis;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fid-29 ta' Jannar 1955, li biha ġie maqtugħ l-ewwelnett li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwadraġenarja għandha tiġi miċħuda, ... bl-ispejjeż għall-konvenut; it-tieninett ġiet milqugħa t-talba attriċi dwar l-istess tieni talba, ... u fin-nuqqas ġie dikjarat illi r-rivendizzjoni tiġi magħmula "ope sententiae", a spejjeż tal-konvenut; fl-aħħarnett ġiet riżervata d-determinazzjoni tat-tielet talba malli jkun għadda żmien suffiċjenti sabiex dik id-deċiżjoni tgħaddi "in giudicato", b'riżerva wkoll tal-ispejjeż dwar din l-aħħar talba;

Rat il-verbal tal-25 ta' Ġunju 1955, li minnu jidher li l-partijiet jaqblu:—

1. Li l-postijiet in kontestazzjoni jikkonsistu l-lum f'żewġ postijiet li jinsabu Pawla Square, Pawla, nri. 148 u 149, u li l-ewwel wieħed huwa ħanut tal-ħwejjeġ u l-ieħor stabbiliment fotografiku;

2. Li l-attur lest biex iħallas lill-konvenut bħala spejjeż utili u neċessarji:— (a) £28 għal madum tal-bitħa ....;

Mill-istess verbal jidher li baqgħet pendenti l-kwistjoni tal-kumpens tal-okkupazzjoni tal-fondi minn notifika taċ-ċedola sar-rilaxx, li l-attur jippretendi li għandhom jistmaw ruħhom bħala fondi kummerċjali, barra mill-perijodu li jirriżulta li servew bħala abitazzjoni; u dana bħala frutti perċepiti;

Ftehmu wkoll; ....;

Rat id-digriet mogħti minn dik il-Qorti fil-25 ta' Gunju 1955, li bih ġie maħtur perit tekniku sabiex ifittex u jiffissa l-kumpens għall-okkupazzjoni tal-fondi 148 u 149 Pawla Square, Pawla, minn notifika taċ-ċedola tal-irkupru sar-rivendizzjoni, u sabiex f'dina l-fissazzjoni jagħmel żewġ stimi, waħda bħala fondi tal-abitazzjoni u l-oħra bħala fondi kummerċjali; u jekk jirriżulta li xi wieħed jew it-tnejn għal żmien ġew użati bħala fondi kummerċjali, jiffissa l-kumpens separatament għal dawk iż-żewġ perijodi; u barra minn dan jistabbilixxi l-ispiża, għall-epoka meta saret, tax-xogħlijiet strutturali (ftuħ ta' ħajt tal-faċċata, twaqqif ta' ħajt diviżorju, u kamra fuq il-fond nru. 149 Pawla Square, Pawla), u valur tax-"shutters" bit-tqegħid tagħhom, kif ukoll l-ispiża tal-kisi tal-faċċata bil-mużajk; u jagħmel dawk l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Omissis;

Rat is-sentenza l-oħra mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-21 ta' Diċembru 1955, li biha ġew likwidati l-ispejjeż leġittimi, u dawk utili u neċessarji, li l-konvenut għamel fl-okkażjoni tal-akkwist u li huwa għadu ma ġabarx, għall-ammonti fuq bid-dettall indikati, li flimkien jagħmlu £491. 18. 3½d., b'dina l-intelliġenza kjara li, jekk fi żmien tmien tijiem il-konvenut ma jaħlefx fir-Reġistru tal-Qorti suppletorjament li huwa effettivament ħallas lill-prokuratur minnu msemmi fin-nota tiegħu mitt lira sterlina bħala rigal sabiex jgħinu ħalli jġedded il-konvenju, u anki, jekk jidhirlu li hekk ġie nfurmat, li serviet dik is-somma għall-istess mandanti tal-prokuratur fuq imsemmi "in parte" jew "in toto", f'dak in-nuqqas ta' konferma bil-ġurament

is-somma likwidata tkun ta' £391. 18. 3½d., peress li s-somma ta' £100 tkun allura kunsidrata bħala talba miċħuda; u dawk is-sommom komponenti s-somma hekk stabbilita skond il-każ, ikunu jew ma jkunux jgħaddu bl-imgħax......; u ġie ordnat li l-ispejjeż kollha jingħabru u jitħallsu ¼ mill-attur u ¾ mill-konvenut, barra minn dawk tal-perizja, li għandhom jitħallsu nofs kull wieħed bejn il-kontendenti; wara li kkunsidrat;

Omissis;

Illi qabel xejn jingħad li, skond l-art. 1493 Kap. 23, ir-retraent huwa tenut jirrimborża lir-retrattarju:— (1) Il-prezz tal-vendita li tkun tat lok għar-retratt, u kwalunkwe spiża oħra leġittima magħmula u nkorsa mill-kumpratur in okkażjoni tal-bejgħ; u (2) l-ispejjeż neċessarji u utili magħmula fil-ħaġa mill-kumpratur stess, jew minn kwalunkwe possessur, anki jekk, għal kwalunkwe raġuni jew kawża, ma jibqgħax l-effett tagħha,u li għaliha tant ir-retrattarju kemm kwalunkwe preċedenti possessur ma għandux iwieġeb;

Illi, skond l-art. 1494 tal-istess Kodiċi, ir-retrattarju għandu jedd għall-imgħaxijiet minn dak inhar li jkun ħareġ kull waħda mis-sommom li tagħhom, skond l-artikolu ta' qabel dan, għandu jiġi mħallas lura; iżda minn dawk l-imgħaxijiet għandhom jiġu maqtugħa l-frottijiet li minn dak inhar tal-bejgħ li ta lok għall-irkupru huwa, jew kull possessur ieħor ta' qablu, ikun daħħal, jew bil-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja seta' jdaħħal. Iżda r-retrattarju jista' jżomm il-frottijiet hawn fuq imsemmija u jirrinunzja għall-imgħaxijiet;

Illi mid-depożizzjoni tal-konvenut u ibnu jirriżulta li l-postijiet irkuprati, li qabel, u ċjoe' meta sar l-irkupru fit-30 ta' Lulju 1945, kienu post wieħed, ġew minnhom okkupati xi sena fuq li l-konvenut kien akkwistahom, u ċjoè għall-ħabta tat-13 ta' Novembru 1945, l-għaliex kienu estensivament danneġġjati bl-għemil tal-għadu, u sakemm il-konvenut irriparahom għadda dak iż-żmien. Irriżulta wkoll mill-istess konvenut (ara depożizzjoni tiegħu mogħtija fis-seduta tas-16 ta' Lulju 1955 quddiem il-periti) li l-istess fond irkuprat, sa sentejn fuq il-bejgħ, kien sempliċi fond użat għall-abitazzjoni, u wara t-13 ta' Novem-

bru 1945 l-istess konvenut qasmu f'żewġ fondi—dawk li l-lum huma individwati bħala l-fond numru 148 u 149 Pawla Square, Pawla, u ġew, wieħed (numru 148) adibit bħala ħanut tax-xorb, u l-ieħor (nru. 149) bħala stabbiliment fotografiku, ċjoè bħala fondi kummerċjali. Biex għamel dan ix-xogħol, il-konvenut għamel xi miljoramenti edilizji, bena xi kamra, u għatta xi bitħa bil-ħġieġ; kif ukoll kesa l-faċċata bil-mużajk. Milli jidher, però, dan ix-xogħol ma sarx f'daqqa; l-għaliex, skond l-istess konvenut, il-kamra l-ġdida li ġiet imtellgħa saret qabel l-irkupru fl-annu 1945, u fl-istess epoka sar it-tiċrit tal-kmamar; mentri l-ftuħ tal-bibien ta' barra u x-xogħol tal-mużajk saru fl-annu 1948, għalkemm id-dati mhumiex minnu aċċertati. Jingħad ukoll li għall-ħabta ta' April 1955 il-ħanut tax-xorb ġie mutat f'ħanut tal-ħwejjeġ, mentri l-ieħor baqa' studju fotografiku;

Omissis;

Illi, għalkemm mill-provi ma jidher xejn, eppure l-konvenut, taħt l-istess kap tal-ispejjeż leġittimi li taw okkażjoni għall-irkupru, qiegħed jippretendi s-somma ta' £100 li huwa jgħid u fit-trattazzjoni ntqal, u kif il-Qorti tista' tikkonferma (non ostanti li ma hemm xejn fil-proċess barra milli fin-nota), li ħallas lill-prokuratur li għenu biex xtara l-post in kwistjoni. Biex tiġi mfissra aħjar dina l-pretensjoni, jingħad li l-għajnuna kienet tikkonsisti fil-fatt li, peress li l-konvenju relattiv għall-bejgħ kien skada, il-konvenut tħabat mal-prokuratur biex jeffettwaħ, u dan l-aħħar imsemmi ppretenda rigal ta' £100 biex iġeddidulu; u l-konvenut ingħad li ħallas dina s-somma għal dak il-fini li ntqal (imma ma ġiex pruvat), u l-istess, milli jidher, ukoll serviet għall-mandanti ta' dak l-istess prokuratur. Ma hemmx bżonn jingħad li l-attur ikkontesta dina l-pretensjoni, anki jekk fil-fatt il-konvenut ħallas dik is-somma;

Illi jingħad, però, li skond l-awturi "in subjecta materia", ir-retrattarju għandu dritt li jiġi rimborżat ta' kwalunkwe rigal li jiġi mogħti lil dawk li jkunu ġiegħelu lill-venditur aktar faċilment jakkonsenti għall-bejgħ. Infatti l-Corradino (De Jure Praelationis, Quaestio V, paragrafi 30-39) jenumera x'għandu r-retraent iħallas lir-retrattarju; u fost ħafna kapi hemm enumerati, taħt para. 38, jgħid,

billi qabel xejn juża l-affermazzjoni enerġika "nec non" li tekwivali għat-taljan "e certamente", "munera quae data fuerunt illis qui venditorem faciliorem ad vendendum reddiderunt" (ara awturi oħra hemm ċitati li jirritjenu l-istess ħaġa). Jekk huwa hekk għal min irid jgħin, huwa aktar hekk għal min irid jakkonsenti, li mingħajr l-akkonsentiment tiegħu ma kienx ikun hemm il-bejgħ li ta dak il-lok għall-irkupru favur l-attur retraenti;

Illi r-rigali lill-konċedenti jew vendituri, li huma komuni, huma involjament qawwi għall-akkonsentiment aktar faċili, u mhumiex projbiti mill-liġi;

Illi xejn ma jiswa li jingħad li dak ir-rigal ġie mogħti, kif allegat, qabel il-kuntratt tal-bejgħ, jew li l-istess ġie miftiehem qabel il-publikazzjoni ta' dak l-istess strument publiku; l-għaliex il-promessa vendita, jew konvenju, huma l-bażi tal-istess inkontru ta' kunsensi li bil-bejgħ jiġi effettwat u kompletat; u l-ispejjeż relattivi, anki jekk ma jidhrux mill-att, u jkunu baqgħu a kariku tal-kumpratur, għandhom jiġu rifużi, jekk huwa veru, kif mhux negat, li r-retrattarju għandu jiġi mqiegħed fil-pożizzjoni anterjuri għax-xirja bħal li kieku huwa qatt ma kien kumpratur. Del resto, kien hemm każ fejn, qabel ma sar il-kuntratt, imma wara li l-partijiet kienu ftehemu fuq il-prezz, ġie ritenut li promessa lis-sensal li jiġi lilu mogħti ammont ta' £50 aktar mis-senserija skond il-liġi, li kienet lilu tistħoqq, jekk jirnexxilu jipperswadi lill-venditur jakkorda modifika fiż-żmien dwar parti mill-pagament tal-prezz tal-bejgħ, dak li s-sensal in kwistjoni rnexxielu jagħmel, kien ammont li r-retrattarju kellu dritt għalieħ (ara Prim'Awla Ċivili, 18 ta' Novembru 1935, in re "Gladys Depiro vs. Farmaċista Giuseppe Muscat et." — Vol. XXXIX-II-769);

Illi l-konċett tal-liġi, meta tistabbilixxi d-dritt tar-retrattarju għar-rimborż tal-ispejjeż biss leġittimi, mhux raġjonevolment limitattiv, imma biss jeskludi dawk li jkunu kapriċċużi, jew, kif kienu jissejħu, voluttwarji, jew li jkunu saru sabiex jiġu elużi l-interessi tar-retraent, jew sabiex l-istess jiġi skoraġġit mill-eżerċizzju tad-dritt tiegħu (ara Prim'Awla Ċivili, 6 ta' April 1899, "Negozjant Cassar vs. Dr. Sammut", Vol. XVII-II-48);

Illi fis-sentenza fuq ċitata ġiet dikjarata rimborżabbli

bħala spiża leġittima kummissjoni dovuta lill-mandatarju tal-bejjiegħ; u fil-każ in diżamina ma jistax jingħad li s-somma li ħallas il-konvenut kienet voluttwarja, jew tali li setgħet tiskoraġġixxi lill attur milli jeżerċita d-dritt tiegħu, u li kienet intiża biex teludi l-interessi tiegħu, l-għaliex f'dak il-mument l-interess tal-konvenut kien li jakkwista, u ma kienx qiegħed jaħseb fid-dritt li kellu l-attur;

Illi kwindi, fil-ħsieb tal-Qorti, il-konvenut għandu dritt għall-£100, li minnu tħallset sabiex il-prokuratur jgħinu u sabiex il-mandanti tal-prokuratur jakkonsenti biex iġedded il-konvenju li kien skada; suġġetta, pero', dina d-deċiżjoni għall-ġurament suppletorju tal-konvenut fis-sens li huwa ħallas effettivament dik il-£100 lill-prokuratur, għax għen u għall-fini espress u għall-persuna msemmija, fil-jum li huwa għandu jsemmi. Fin-nuqqas ta' liema konferma fiż-żmien li sejjer jiġi lilu mpost, l-istess talba fuq dan il-punt tiġi miċħuda;

Illi fuq din is-somma ta' £100, jekk l-istess tiġi li tkun ammessa kif fuq ntqal, il-konvenut mill-jum tal-iżborż għandu d-dritt tal-imgħaxijiet tal-ħamsa fil-mija;

Illi fost il-flus li r-retrattarju għandu jiġi rimborżat tagħhom jidħlu wkoll l-ispejjeż utili u neċessarji;

Illi dwar dawn l-ispejjeż jingħad li l-kontendenti dwar ċerti partiti jaqblu li għandhom jiġu rimborżati, u dwar oħrajn ma jidherx li hemm ftehim. In kwantu mbgħad għall-interessi fuq dawna l-partiti li jaqblu fuqhom, il-partijiet mhumiex d'inteża, u kwindi l-istess iridu jiġu eżaminati separatament;

Illi mill-verbal tal-25 ta' Gunju 1955 il-kontendenti jaqblu li l-konvenut — retrattarju — għandu d-dritt li jkun rimborżat mill-partiti segwenti:— (1) Madum tal-bitħa £28; (2) Tisqif bil-ħġieġ tal-bitħa £28. 7s. 6d.; (3) Valur ta' bini ta' kamra, li skond il-perizja ġiet stmata, b'kollox, £116. 10s. 11½; (4) Ftuħ ta' ħajt tal-faċċata tal-fond oriġinali, skond il-perizja, £42 14s. 1d.; (5) Kisi tal-faċċata tal-fondi, meta nqasmu, bil-mużajk, skond il-perizja, £45; (6) Valur tax-"shutters" bit-tqegħid tagħhom, skond il-perizja, £60;

Illi l-partijiet ma jaqblux fuq il-partiti segwenti:— (1) Tneħħija ta' ħajt diviżorju intern, li skond il-perizja

jiswa £8. 17s. 8d.; (2) Is-somma ta' £1,000 mħallsa mill-konvenut għall-avvjament u trawwim tal-ħanut tax-xorb (nru. 148 Pawla Square, Pawla) li huwa ħa taħt idejh fil-31 ta' Marzu, 1948);

Illi mid-depożizzjoni tal-konvenut, mhix meruta, jingħad qabel xejn li l-bini tal-kamra fil-fond nru. 149 Pawla Square, Pawla, li l-perit stama' li tiswa £116. 10s. 11½, saret minnu fil-bidu tal-annu 1945, u qabel ma ġie eżerċitat ir-retratt mill-attur (ara depożizzjoni tal-konvenut), u kien ukoll fl-istess epoka li sar it-tiċrit tal-kmamar, u ċjoè tal-ħajt diviżorju intern, li skond il-perizja huwa stmat £8. 17s. 8d.;

Illi l-utilità u neċessità tal-ispiża li tkun rifondibbli lir-retrattarju għandha tiġi kunsidrata fil-mument meta l-istess tiġi eżegwita, u mhux fil-mument meta jiġi eżerċitat ir-retratt; l-għaliex dawk l-ispejjeż jibqgħu rifondibbli anki jekk, meta jiġi eżerċitat ir-retratt, jiġi nieqes l-effett oriġinali tagħhom, purkè r-retrattarju, jew kwalunkwe persuna oħra preċedenti, mhux "in culpa" għall-effett negattiv tagħhom. Del resto, l-utilità tal-ispiża korrispondenti għax-xogħol trid tiġi kunsidrata fil-kospett tar-retrattarju, u mhux tar-retraent (ara Appell 26 ta' Ottubru 1931, "Spiteri vs. Pace Balzan", Vol. XXVIII-I-143; Prim'Awla Ċivili 25 ta' Lulju 1950, "Giuseppe Sammut et. vs. Carmelo Camilleri et.", Vol. XXXIV-II-617);

Illi jekk huwa minnu, kif ġie diversi drabi ritenut (ara Appell 21 ta' April 1915, "Caterina Caruana vs. Filippo Farrugia", Vol. XXII-I-271 u 272; Appell 9 ta' Novembru 1928, "Eugenio Micallef vs. Francesco Vassallo", Vol. XXVII-I-232; Appell 8 ta' Marzu, 1943, "Sciberras utrinque", Vol. XXX-I-509), li mill-jum li fih jiġi eżerċitat ir-retratt sar-rivendizzjoni r-retrattarju jibqa', tant di fronti għar-retraent kemm di fronti għat-terzi, il-proprjetarju u d-"dominus" tal-fond irkuprat, u għandu d-dritt li jqiegħed f'kondizzjonijiet tajba u jimmiljora b'xogħol utili l-ħaġa tiegħu, salv dak li sejjer jingħad aktar tard, li mhux applikabbli għal dawn l-ispejjeż, "multo magis" jista' hekk jagħmel il-kumpratur-retrattarju qabel ma jiġi eżerċitat l-istess dritt tal-irkupru;

Illi, in konsegwenza ta' dawn il-prinċipji, il-konvenut

għandu d-dritt tar-rifużjoni tal-ispiża tal-kamra msemmija u tat-tiċrit tal-ħajt tal-kmamar interni, li meta għamel dan l-aħħar xogħol kien utili għalieh, u li kwindi mhux tenut jerġa jirripristinaħ. Dawn l-ispejjeż huma dovuti bl-imgħax tal-ħamsa fil-mija mill-jum tar-rispettivi żborżi, li l-konvenut għandu jindika bil-ġurament suppletorju tiegħu, kif sejjer jiġi lilu mpost; l-għaliex ma jirriżultax mill-attijiet tal-kawża għal kemm tirriżulta li saret l-ispiża;

Illi dwar il-madum tal-bitħa, tisqif bil-ħġieġ ta' l-istess bitħa, ftuħ tal-faċċata tal-fond oriġinali, kisi tal-faċċata tal-fond bil-mużajk, u twaħħil u valur tax-"shutters", mill-provi jinduċi ruħu li l-istess saru mill-konvenut wara li ġie eżerċitat ir-retratt. Il-konvenut, fid-depożizzjoni tiegħu fuq riferita, qal biss li saru wara l-eżerċizzju tal-irkupru u waqt li kienet miexja l-kawża preżenti dwar id-dritt tal-attur li jista' jirkupra. Il-ftuħ tal-bibien ta' barra (faċċata) u l-kisi tal-istess faċċata bil-mużajk, li semma li saru fl-annu 1948.........;

Illi l-prinċipju fuq espost, li r-retrattarju, bħala "dominus", mhux impedut, anzi huwa awtorizzat jagħmel spejjeż u jeżegwixxi miljoramenti neċessarji u utili fil-fond irkuprat "medio tempore" bejn l-eżerċizzju tal-irkupru u r-rivendizzjoni, huwa biss limitat mil-fatt li ma jkunx għamilhom bil-ħsieb qarrieqi jew b'inkejja;

Illi ġie aċċertat mill-provi li, meta l-konvenut għamel l-ispejjeż li fuqhom qegħdin nitkellmu, huwa ma setax ikollu l-anqas dubju li l-attur ma kellux l-intenzjoni li jmexxi l-quddiem l-irkupru; u infatti l-istess spejjeż saru waqt il-kors tal-kawża intiża għal dana l-fini; u kwindi l-istess konvenut, meta ppersista li jagħmilhom, kien qiegħed, taħt dawk iċ-ċirkustanzi riżultati, jivvessa lill-attur retraenti u jikkomplika aktar l-affarijiet (ara argument li jitnissel mis-sentenza fuq ċitata tal-Appell tal-21 ta' April 1915, "Caruana vs. Farrugia, Vol. XXII-I-268, u in partikulari paġ. 273 qabel it-tieni paragrafu);

Illi huwa minnu li bħala kompromess l-attur aderixxa sabiex jirrimborża dawk l-istess spejjeż lill-konvenut, l-għaliex, kif huwa qal, jistgħu jkunu utili għalieħ, u dina s-soluzzjoni kienet fil-verità savja u ġusta anki mil-punto di vista tal-lokupletazzjoni; u infatti uħud minn dawk

l-istess spejjeż setgħu liberament jiġu rimossi mill-konvenut jekk l-attur ma riedx, kieku ma sarx il-kompromess, iżommhom bil-valur, jew aħjar profitt li minnhom seta' l-istess konvenut jirrikava bir-rimozzjoni tagħhom;

Illi, fil-ħsieb tal-Qorti, għalkemm l-attur, bħala kompromess, aċċetta li jirrimborża lill-konvenut *minn dawn* l-ispejjeż, dan l-aħħar imsemmi, għar-raġunijiet li ntqalu, ma għandux dritt tal-imgħaxijiet fuqhom;

Illi hemm kwistjoni oħra bejn *il-kontendenti* li trid tiġi eżaminata u riżoluta. Il-fattijiet li taw lok għal dina l-kwistjoni huma dawn li sejrin jiġu relatati. Fil jew għall-ħabta tal-31 ta' Marzu 1948, meta l-kawża *odjerna* kienet miexja u kienet waslet biex timmatura ruħha għad-deċiżjoni, il-konvenut iddeċieda li jieħu taħt idejh il-fond nru. 148 Pawla Square, Pawla, *u ħadu* wara li ħallas £1000 rigal, biex avvjah u rawmu bħala ħanut tax-xorb, u għalhekk qiegħed jippretendi bħala spiża utili u neċessarja dina is-somma li huwa ħareġ, u li serviet biex huwa mexxa *l*-quddiem u rawwem *dak l-istess ħanut; u qal li, kieku* huwa ma għamelx hekk, l-attur kien bir-retratt jieħu taħt idejh *sempliċi store,* u mhux ħanut, kif inhuwa l-lum, avvjat, *fil-post fejn jinsab;*

Illi, apparti l-epoka meta l-konvenut ħareġ dik is-somma, *u ċjoè* meta kien jaf b'ċertezza li l-attur kien qiegħed *jippersegwitah* għad-dritt tiegħu tal-irkupru, it-talba jew pretensjoni tal-konvenut tammonta għall-ħlas ta' somma li tirrappreżenta sostanzjalment u virtwalment il-valur awmentat tal-fond, dovut għall-kambjament tad-destinazzjoni tiegħu bil-ħidma ta' min kien fih u bil-ħidma tal-konvenut, li daħal f'loku, u li bl-industrija tagħhom l-istess post minn store sar fond kummerċjali ta' valur aktar milli kien;

Illi d-drittijiet li għandu r-retrattarju huma dawk biss imsemmija fl-art. 1493 tal-Kodiċi Ċivili. Fosthom jidħlu l-ispejjeż utili u neċessarji "magħmula fil-ħaġa" mil-kumpratur (retrattarju) jew kwalunkwe possessur ieħor. Il-ħlas ta' somma ta' flus li tirrappreżenta bejn il-partijiet l-ekwivalenza u l-istima ta' avvjament ta' ħanut, ċertament u indubbjament ma tistax tingħad li hija spiża utili u neċessarja fil-ħaġa rkuprata, imma hija ħidma jew *in-*

dustrija ta' persuna, li mhix ħaġa materjali, u li prinċipalment hija inerenti ma' dik l-istess persuna, u magħha tissussisti jew tiċċessa. Infatti, ġie deċiż li r-retrattarju ma għandux dritt għar-rimborż tal-awmentat valur tal-fond, li bil-ħidma jew industrija tiegħu jsir bejn il-jum tal-bejgħ u dak tal-eżerċizzju tal-irkupru (ara Prim'Awla Ċivili 30 ta' April 1940, "Alberto Grixti vs. Nobbli Lino Testaferrata Bonici-Għaxaq et.", Vol. XXX-II-321);

Illi l-prinċipju "lex interpellat continuo emptorem ad relaxandam rem praelationem petenti" kien jissuġġerixxi lill-konvenut milli jastjeni mill-ispekulazzjonijiet simili għal dik li qiegħed jippretendi l-ħlas tagħha;

Illi l-Corradino, fl-opera ċitata, meta jitkellem fuq il-miljoramenti (li huma spejjeż li jsiru fuq il-ħaġa), jgħid li: — "Quando emptor in fraudem magnas et onerosas impensas fecisset, et modum in sumptibus excessisset, adeo ut sint tam magnae expensae, ut fere acquivalent valori rei, et verisimile fit quod praelationem praetendens rogatur rem relinquere propter earum magnitudinem, quia tunc indubitatum est apud omnes quod non teneatur talia melioramenta refundere" (Quaestio XXVII, para. 21). U jekk dan huwa minnu għal miljoramenti li jsiru fuq il-ħaġa, "quantum magis" mhux minnu għall-pretensjoni għal somma hekk kbira tal-konvenut, li, għalkemm aċċidentalment konnessa mal-ħaġa, mhix materjalment annessa magħha; u liema somma tekwivali għal prezz li in oriġini ħallas tiegħu l-istess konvenut;

Illi, kwindi, dina l-pretensjoni tal-konvenut ma tistax tiġi milqugħa favorevolment;

Illi, stabbiliti r-rimborżi li jistħoqqu lir-retrattarju, il-Qorti sejra tgħaddi biex tara x'kienu l-frutti li mill-jum tal-bejgħ li ta lok għall-irkupru l-konvenut daħħal, jew bid-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja seta' daħħal;

Illi, kif fuq diġa' ntqal, il-konvenut ma setgħax, minħabba r-riparazzjonijiet tal-ħsara tal-gwerra li kien hemm fil-post oriġinarjament irkuprat, jokkupah ħlief sena fuq li xtrah, u ċjoè fit-13 ta' Novembru 1945. Jirriżulta wkoll illi fis-sena bejn it-13 ta' Novembru 1945 sal-istess data 1946 baqa' jintuża bħala post tal-abitazzjoni. Wara, il-fond ġie diviż fi tnejn; dak li jġib in-numru 148 Pawla

Square, Pawla, sar ħanut u ġie hekk użat; u dak li jġib in-numru 149 sar stabbiliment fotografu, u baqa' f'idejn il-konvenut;

Illi l-attur jippretendi illi, sakemm il-konvenut uża l-fond bħala abitazzjoni, għandu jħallas fuq l-istima tal-post jew postijiet bħala tali, imma, meta biddel id-destinazzjoni tagħhom u għamilhom *inservjenti għall-kummerċ*, bħala frutti għandu jħallas fuq l-istess stima ta' fondi kummerċjali;

Illi ċ-ċedola ta' retratt u kontestwali depożitu ġiet notifikata lill-konvenut fl-ewwel ta' Awissu 1945; imma l-valur tal-frutti jridu jiġu dedotti mill-jum tal-bejgħ li jkun ta' lok għall-irkupru — frutti li r-retrattarju jkun daħħal jew bid-diliġenza ta' "bonus pater familias" seta' jdaħħal (ara art. 1494 Kodiċi Ċivili);

Illi, kwindi, il-frutti ċivili tal-fondi in kwistjoni, sew jekk kienu mikrija lil terzi, sew jekk kienu okkupati mir-retraenti, iridu jkunu wkoll kalkulati;

Illi mit-13 ta' Novembru 1944 sat-13 ta' Novembru 1945 il-konvenut ma għandu jagħti xejn bħala frutti ċivili, ċjoè kera; l-għaliex il-post kien taħt riparazzjoni, u anki kieku ħadu l-attur, kien ikollu jsofri l-istess sorti. Del resto, dak li jimporta huwa li l-konvenut ma okkupaħx, u lanqas daħħal jew seta' jdaħħal kera tiegħu f'dak il-perijodu;

Illi mit-13 ta' Novembru 1945 sat-13 ta' Novembru 1946 huwa aċċertat mill-provi li l-fond, li kien għadu uniku, ġie użat għall-abitazzjoni, u skond il-perit, f'dik l-epoka, meta kien okkupat u detenut mill-konvenut, kien ħaqqu kera ta' £35. Hawn għandu jingħad li sat-13 ta' Novembru 1946 il-fond kien għadu wieħed u kien "dwelling house", u huwa għalhekk li dina l-Qorti qagħdet fuq l-istima tal-kera tal-fond bħala abitazzjoni;

Illi in segwitu l-fond ġie użat bħala fond kummerċjali. Il-konvenut żamm għalieħ l-istabbiliment fotografu, u għal żmien anki l-ħanut, u mbagħad, wellieħ bis-6s. 8d. kulljum, kif jidher li għamel mill-ewwel ta' Awissu 1949 sas-6 ta' Marzu 1954 (*ara dok. A man-nota tal-attur*). Minn xi s-16 ta' April 1955, il-ħanut tax-xorb il-konvenut krieħ bħala ħanut tal-ħwejjeġ bit-£30 fis-sena;

Illi, in kwantu għall-kera, wara li l-fondi saru kummerċjali, jingħad li huwa ġust u ekwu li l-konvenut iħallas tagħhom kumpens ta' kera bħal ma kien naturalment jeżiġi minn għand ħadd ieħor kieku ma kienx qiegħed jokkupahom huwa, apparti l-fatt li kien hemm epoka meta kien qiegħed idaħħal 6s. 8d. kulljum tat-twellija tal-ħanut taxxorb, li kienet tikkomprendi wkoll il-kera. Infatti, raġel tajjeb tal-familja hekk kien jipperċepixxi bħala frutti ċivili, u l-konvenut huwa tenut, f'każ ta' għażla, li jagħti lill-attur dak li kien imissu jipperċepixxi "bonus pater familias", jekk ma jkunx ipperċepixxa speċifikatament kera minħabba jew għaliex qagħad fil-post huwa, jew l-għaliex id-detenzjoni kienet imdaħħla fit-twellija;

Illi, barra mill-ammont dovut mit-13 ta' Novembru 1945/46, li huwa ta' £35, mill-14 ta' Novembru 1946 sat-13 ta' Novembru 1945, bir-rata fissata mill-perit għażżewġ fondi għall-użu tal-kummerċ, il-konvenut imissu pperċepixxa £520, u mill-14 ta' Novembru 1954 sat-28 ta' Ġunju 1955 erbgħejn lira tnax il-xelin u nofs (£40.12s.6d.). B'kollox kien imissu pperċepixxa £595. 12s. 6d.;

Illi, għal kwankunkwe bwon fini, jingħad li t-talba li qegħdha tiġi diskussa tikkonċerni biss il-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż leġittimi li l-konvenut għamel fl-okkażjoni talakkwist "de quo", bil-konsegwenzjali likwidazzjoni meħtieġa tal-valur tal-frutti ċivili perċipiti jew perċepibbli skond ma trid il-liġi, u ma tirrigwardax il-pagament tagħhom;

Illi, qabel ma dina l-Qorti sejra tagħlaq id-deċiżjoni tagħha, tħossha fid-dmir versu l-kontendenti li tagħmel rikapitolazzjoni tal-partiti ammessi u dawk miċħuda kif ukoll ta' dawk li diġà għamlet tal-frutti ċivili;

Illi l-partiti ammessi u diskussi huma dawn li sejrin jissemmew hawn taħt:—

Omissis;

Illi ġew miċħuda l-pretensjonijiet:—

I. Tal-attur........;

II. Tal-konvenut........;

Omissis;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab........;

Omissis;

Ikkunsidrat;

Illi dan l-appell huwa limitat u ċirkoskritt għal dawn il-kapi tas-sentenza appellata:—

(a) Għall-kap li bih ġie ordnat li fuq is-somma ta' £35, li tikkomprendi d-dritt tan-nutar, bolli, riċerki u spejjeż aċċessorji għall-att tal-bejgħ li ta lok għall-irkupru eżerċitat mill-attur, għandhom jiddekorru l-imgħax tal-ħamsa fil-mija fis-sena mid-data ta' l-iżborż effettiv. L-appellant jippretendi li dawk l-imgħax għandhom jibdew jgħaddu mid-data tal-prolazzjoni tas-sentenza appellata, jiġifieri mil-21 ta' Diċembru 1955;

(b) Għall-kap li bih ġie ordnat li fuq is-somma ta' £125. 8s. 7½d., li tirrappreżenta valur ta' bini ta' kamra u ta' tiċrit ta' taħt diviżorju, l-istess imgħax tal-ħamsa fil-mija għandhom jibdew jgħaddu mill-iżborż effettiv. Anki rigward din is-somma l-appellant jippretendi li dawk l-imgħax għandhom jgħaddu mill-imsemmi jum 21 ta' Diċembru 1955;

(ċ) U għall-kap li bih fis-sentenza appellata, fost l-ispejjeż leġittimi, u dawk utili u neċessarji, li l-konvenut għamel fl-okkażjoni tal-akkwist, ġiet kompriża s-somma ta' £100, li tirrappreżenta r-rigal li l-konvenut ħallas sabiex jiġi mġedded il-konvenju li ta lok għall-bejgħ;

Tikkunsidra;

Illi kwantu għaż-żewġ somom fuq indikati, dik ta' £35 u l-oħra ta' £125. 8. 7½, huwa veru li l-likwidazzjoni tagħhom saret fi żmien viċin għall-prolazzjoni tas-sentenza appellata; u l-appellant isostni li ma għandux iħallas l-imgħax relattivi għaż-żmien li għadda sakemm saret dik il-likwidazzjoni, billi "in liquidandis non fit mora". Iżda din il-pretensjoni tal-appellanti mhix attendibbli; għaliex il-prinċipju minnu nvokat jitlef kwalunkwe valur, u għandu jċedi, di fronti għad-dispożizzjoni espliċita tal-liġi (art. 1494 Kodiċi Ċivili), li tistabblixxi li r-retrattraju għandu d-dritt għall-imgħaxijiet minn dak inhar li jkun ħareġ kull waħda mis-sommom li skond l-artikolu ta' qabel (1493) għandhom jiġu lilu rifużi. U fost dawk is-sommom li għandhom jiġu mħallsin lir-retrattarju huma kompriżi

l-prezz tal-bejgħ li jkun ta lok għall-irkupru u kull spiża leġittima oħra li jkun għamel il-kumpratur f'dik il-bejgħ, kif ukoll l-ispejjeż kollha meħtieġa u utili magħmulin fil-ħaġa mill-kumpratur stess jew minn kull possessur ieħor, anki jekk, għal xi raġuni li ma għandux jirrispondi għaliha la r-retrattarju u lanqas ebda possessur ieħor ta' qablu, ma jibqgħax l-effett ta' dawk l-ispejjeż. L-appellant ma jikkontestax li s-somma ta' £35 tirrappreżenta spiża leġittima li l-konvenut għamel fil-bejgħ li ta lok għall-irkupru, u lanqas ma jikkontesta li s-somma l-oħra ta' £125. 8. 7½ ġiet mill-konvenut erogata fi spejjeż utili fil-ħaġa lilu mibjugħa; u għalhekk, skond id-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata, fuq dawk iż-żewġ sommom l-imgħax għandhom jibdew jiddekorru minn dak inhar li jkunu ġew maħruġa, kif sewwa ġie maqtugħ bis-sentenza appellata. Għall-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, li tistabbilixxi d-dekorriment tal-imgħax mill-jum tal-iżborż effettiv, l-uniku temperament sanċit mill-liġi (art. 1494 fuq ċitat) huwa dak tad-deduzzjoni tal-frottijiet minn dak inhar tal-bejgħ li ta lok għall-irkupru, u bil-fakoltà lir-retrattarju li jista' jżomm dawk il-frottijiet u jirrinunzja għall-imgħaxijiet;

Tikkunsidra;

Illi, kwantu għall-kap l-ieħor appellat, relattiv għas-somma ta' £100 mħallsa mill-konvenut biex ġie mġedded il-konvenju li ta lok għall-bejgħ, u li ġiet mill-Ewwel Qorti kunsidrata bħala spiża leġittima, l-appellant issottometta li dawk il-flus ġew mogħtija lil Giorgio Micallef, li deher fuq l-att tal-bejgħ bħala prokuratur ta' martu u ta' ħutha, li kienu biċċa mill-vendituri fuq dak l-att (fol. 15), u li għalhekk ma kellux dritt għalihom, billi ma setgħax ikun leċitu li prokuratur jabbuża mill-kwalita' tiegħu biex jieħu indebitament ta' xejn l-ammont ta' £100. L-imsemmija sottomissjoni tal-appellant mhix aċċettabbli; għaliex dik il-£100 ma ġietx imħallsa "indebitament", u lanqas "ta' xejn". Infatti, il-konvenju tal-bejgħ kien skada, u l-vendituri kienu liberi li ma jersqux għall-att tal-bejgħ jew li jersqu b'kondizzjonijiet diversi iżjed favorevoli għalihom. Biex jevita dan kollu, u biex jassikura l-akkwist tal-fond, il-konvenut avviċina lill-imsemmi Giorgio

Micallef, li kien il-prokuratur ta' kważi l-vendituri kollha, fosthom martu, u milli jidher kienu joqgħodu għalieħ, u talbu biex iġeddidlu l-konvenju. Micallef aċċetta l-proposta tal-konvenut, bil-patt li jagħtieħ rigal ta' £100; u l-konvenut, biex ma jisfrattax in-negozju u ma jitlefx l-okkażjoni li jakkwista l-fond, ħallas dak ir-rigal, u immedjatament sar l-att tal-bejgħ. In vista' ta' dak li ntqal, ma jistax jingħad li l-£100 ġew imħallsa ta' xejn, kif isostni l-appellant, billi mingħajrhom il-bejgħ aktarx ma kienx isir u kien jisfratta, u ma kien hemm xejn li seta' jimpedixxi lil Micallef li jinsisti għall-ħlas ta' dik is-somma biex jaċċedi għat-talba tal-konvenut u jġeddidlu l-konvenju, li bis-saħħa tiegħu seta' sar il-bejgħ;

Ikkunsidrat;

Illi huwa prinċipju fondamentali fil-liġi tagħna li r-retraent jassumi l-pożizzjoni tar-retrattarju, li jitqies bħala li kieku qatt ma kien ix-xerrej, u għalhekk ma għandux isofri ebda spiża li huwa leġittimament ikun għamel fl-okkażjoni tal-bejgħ u fil-perjodu li kien jaħseb li huwa sid il-post; u ta' dik l-ispiża għandu jiġi rimborżat mir-retraent (Vol. XVII-I-10; Vol. XXXIII-I-23). Kif sewwa ġie rilevat fis-sentenza appellata, il-konċett tal-liġi, meta tistabbilixxi d-dritt tar-retrattarju għar-rimborż "di spese soltanto legittime, è ragionevolmente non limitativo, esclusivo di quelle soltanto che fossero capricciose..., fatte sia per eludere gli interessi del retraente, sia per scoraggirlo dall'esercitare il suo diritto (Vol. XVII-II-48)." Huwa mbagħad paċifiku li "expensas quas emptor fecit sponte, nulla necessitate ductus, non potest repetere a praelationem petente" (Corradino — De Jure Praelationis", Quaestio V, par. 64). Iżda f'dan il-każ ma jistax jingħad li l-ispiża tal-£100 ma kienetx neċessarja għall-konklużjoni tan-negozju, u għandha titqies bħala leġittima, u ma tistax tiġi ritenuta bħala eċċessiva;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespinġi, fil-kapi devoluti lil dina l-Qorti, l-appell ta' l-attur, u tikkonferma f'dawk il-kapi s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-istess attur appellant.